

ADDENDUM

Addendum għas-Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għall-persunal kuntrattwali f'dawn il-gruppi ta' funzjoni u l-profilu li ġejjin:

Paġna 1

Wara

EPSO/CAST/P/20/2018 Psikologi Edukattivi FG IV

Żid

EPSO/CAST/P/21/2019 Qarrejja tal-Provi FG III

EPSO/CAST/P/22/2019 Tradutturi FG IV

Paġna 4

Taħt

2) Testijiet tal-għażla organizzati mill-EPSO. Testijiet b'mistoqsijiet b'għażla multipla fuq il-kompjuter (MCQ)

Jekk tintgħażel, tiġi mistieden sabiex tagħmel serje ta' testijiet MCQ f'ċentru tal-ittestjar akkreditat, kif speċifikat fit-tabella ta' hawn taħt. Int tirċievi iktar struzzjonijiet dwar it-testijiet permezz tal-kont EPSO tiegħek [eċċ.]

Test	Lingwa	Nru ta' mistoqsijiet	Tul ta' ħin	Marka minima meħtieġa	Jekk tgħaddi, ir-riżultati huma validi għal
I) Testijiet ta' raġunament					
Raġunament verbali	L1	20	35 min	10/20	10 snin
Raġunament numeriku	L1	10	20 min	Flimkien 10/20	
Raġunament astratt	L1	10	10 min		

Minflok

II) Test tal-kompetenza						
Test tal-kompetenza	L2	25	50 min	FGII u FGIII 13/25	FGIV 16/25	5 snin

Żid

II) Test tal-komprensjoni tal-lingwa						
Test tal-komprensjoni tal-lingwa	L2	12	30 min	FGIII 6/12	FGIV 7/12	5 snin

Għaż-żewġ profili, żgura li l-lingwa 1 magħżula għat-testijiet ta' raġunament hi l-lingwa mira tiegħek (jiġifieri Franċiż jekk int traduttur jew qarrej tal-provi bil-lingwa Franċiża, Ġermaniż jekk int traduttur jew qarrej tal-provi bil-lingwa Ġermaniża, eċċ.)

*Taħt***3) Testijiet ta' reklutaġġ li jinkludu intervista u forom ta' evalwazzjoni opzjonali oħrajn**

Jekk tgħaddi mit-testijiet kemm ta' raġunament kif ukoll ta' komprensjoni tal-lingwa, tiġi mistieden mis-servizzi ta' reklutaġġ għal intervista, imwettqa minn bord tas-selezzjoni biex jivvaluta jekk il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien lingwistiku tiegħek humiex xierqa għall-pożizzjoni rilevanti. F'xi każijiet, is-servizzi ta' reklutaġġ jistgħu jitolbuk tagħmel xi forom oħrajn ta' evalwazzjoni, pereżempju test bil-miktub, test prattiku jew simulazzjoni.

Żid

Innota li, speċifikament fil-Kummissjoni Ewropea, is-servizzi ta' reklutaġġ jitolbuk tagħmel u tgħaddi minn eżami addizzjonali ta' traduzzjoni jew testijiet tal-qari tal-provi qabel ir-reklutaġġ.

Paġna 7*Taħt***ANNEX I — DMIRIJET**

Żid

GRUPP TA' FUNZJONI IV — Tradutturi

- a) It-traduzzjoni fil-lingwa 1 tiegħek minn mill-inqas żewġ lingwi sors, (primarjament bl-Ingliż u / jew bil-Francċiż)
- b) Qari u korrezzjoni tat-traduzzjonijiet tiegħu/tagħha stess
- c) Reviżjoni ta' traduzzjonijiet minn tradutturi oħrajn interni u freelance
- d) Ir-riċerka tat-terminoloġija u l-ħolqien / iż-żamma ta' bażijiet terminoloġiċi
- e) Għajjnuna għal miżuri ta' taħriġ u l-iżvilupp tal-għodod tal-IT
- f) Għoti ta' pariri lingwistiċi
- g) Il-kondiviżjoni ta' għarfien speċjalizzat f'oqsma ta' interess għall-Istituzzjoni
- h) Kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni tal-kwalità u ż-żamma ta' *data* lingwistika, inkluż għal traduzzjoni awtomatika
- i) Ġestjoni ta' proġetti lingwistiċi
- j) Ġestjoni ta' flussi tax-xogħol lingwistiċi

GRUPP TA' FUNZJONI III — Qarrejja tal-provi

Il-qari tal-provi u editjar lingwistiku, li jistgħu jinvolvu:

- a) Testi tal-qari tal-provi f'termini ta' ortografija, grammatika, punteġġatura, formattjar, tipografija, enfasizzar u l-kummenti dwar test li jista' jittejjeb f'termini ta' ċarezza, u inputtjar tal-korrezzjonijiet tal-awturi;
- b) It-tħejjija u l-verifika tal-provi għall-pubblikazzjoni f'diversi formati u midja;
- c) It-tħejjija ta' manuskritti f'format elettroniku jew bil-karti f'termini ta' ortografija, grammatika u sintassi, u l-iċċekkjar ta' testijiet għall-koerenza u l-uniformità;
- d) L-iċċekkjar tal-konformità mar-regoli u l-konvenzjonijiet stilistiċi, u l-konformità tat-testi mal-Gwida Interistituzzjonali tal-Istil adottata mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kollha;
- e) L-iċċekkjar tal-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-kuntratturi esterni f'dan il-qasam;
- f) It-tħejjija ta' dokumenti tal-Istituzzjonijiet għall-pubblikazzjoni u l-finalizzazzjoni tat-testi skont il-profil tipografiku;
- g) It-twettiq ta' kompiti varji oħrajn relatati mal-lingwa bħall-moderazzjoni ta' kontenut ta' siti web u traskrizzjoni

Il-prinċipji l-oħrajn kollha ta' din is-Sejħa għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal Qarrejja tal-Provi tal-Grupp ta' Funzjoni III u għal Tradutturi tal-Grupp ta' Funzjoni IV.